# ANNESS I

# KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

VIRBAGEN OMEGA 5MU għal klieb u qtates
VIRBAGEN OMEGA 10MU għal klieb u qtates

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull doża ta' 1 ml fih:

**Sustanza attiva:**

Lijofiliżat:

| | |
|---|---|
| Preżentazzjoni ta' 5MU: | |
| Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates | Kunjett ta' 5MU* |
| Preżentazzjoni ta' 10MU: | |
| Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates | Kunjett ta' 10MU* |

*MU: Miljun Unità

**Solvent:**

| | |
|---|---|
| Soluzzjoni ta' kloridu tas-sodju | 1 ml |

**Sustanzi mhux attivi:**
Għal lista sħiħa tal-ingredjenti mhux attivi, ara s-sezzjoni 6.1

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Sustanza lijofilizzanti u solvent għal suspensjoni għall-injezzjoni
Lijofiliżat: pillola bajda
Solvent: likwidu bla kulur

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Klieb.
Qtates.

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Klieb:
Tnaqqis fil-mortalità u sinjali kliniċi ta' parvovirosi (forma enerika) fil-klieb sa mill-età ta' xahar.

Qtates:
Kura ta' qtates infettati b'FeLV u/jew FIV, fi stadji kliniċi mhux terminali, mill-età ta' 9 ġimgħat. Fi studju li twettaq fil-kamp, kien osservat li kien hemm:
- tnaqqis ta' sinjali kliniċi matul il-fażi sintomatika (4 xhur)
- tnaqqis fil-mortalità:
    - fil-qtates anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' madwar 60% f'4, 6, 9 u 12-il xahar tnaqqset b'madwar 30% wara l-kura b'interferon.

- fil-qtates mhux anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' 50% fil-qtates infettati b'FeLV tnaqqset b'20% wara l-kura b'interferon. Fi qtates infettati minn FIV, il-mortalità kienet baxxa (5%) u ma kinetx influwenzata mill-kura.

## 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Klieb: It-tilqim matul u wara l-kura b'VIRBAGEN OMEGA hu kontraindikat, sakemm il-kelb jidher li jkun qed jirkupra.

Qtates: minħabba li t-tilqim hu kontraindikat fil-fażi sintomatika ta' infezzjonijiet FeLV/FIV, l-effett ta' VIRBAGEN OMEGA fuq il-tilqim tal-qtates ma kienx evalwat.

## 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

M'hemm l-ebda tagħrif disponibbli fuq l-induzzjoni tal-effetti sekondarji fuq tul ta' żmien fil-klieb u l-qtates, speċjalment għal mard awtoimmuni. Effetti sekondarji bħal dawn kienu deskritti wara l-għoti multiplu u fit-tul ta' interferon ta' tip I fil-bniedem. Għalhekk, il-possibbiltà li jseħħ mard awtoimmuni f'annimali kkurati ma tistax tiġi eskluża u trid tiġi bbilanċjata bir-riskju assoċjat ma' infezzjonijiet FeLV/FIV.
L-effikaċja tal-prodott fuq il-qtates b'forma tumuruża tal-infezzjoni minn FeLV, jew qtates infettati minn FeLV jew ko-infettati minn FIV fi stadji terminali ma kinetx ittestjata.
Fil-każ ta' għoti ġol-vina fil-qtates, tista' sseħħ żieda ta' reazzjonijiet avversi, eż. ipertermija, ippurgar artab, anoreksja, nuqqas fix-xorb jew kollass.

## 4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Klieb u qtates: intwera li konformità stretta mal-pożoloġija rakkomandata hi mandatorja biex jintlaħaq il-benefiċċju kliniku.

Qtates: Fil-każ ta' kura ripetuta ta' mard kroniku marbut ma' epatite, ħsara fil-qalb u fil-kliewi, il-marda korrispondenti għandha tkun immonitorjata qabel l-għoti ta' VIRBAGEN OMEGA.

### Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Fkaż li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentali, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

## 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

F'xi każijiet, waqt il-kura, dawn is-sinjali kliniċi transitorji jistgħu jiġu osservati fil-klieb u l-qtates:
Tnaqqis żgħir fiċ-ċelluli bojod tad-demm, plejtlits u ċelluli ħomor tad-demm, u żieda fil-konċentrazzjoni ta' alanine aminotransferażi kienu osservati b'mod komuni ħafna fi studji tas-sigurtà. Dawn il-parametri jerġgħu lura għan-normal fil-ġimgħa wara l-aħħar injezzjoni.

Sinjali kliniċi u temporanji bħal ipertermija (3-6 sigħat wara l-injezzjoni), letarġija u sinjali diġestivi (rimettar u ppurgar artab sa dijarea ħafifa, fil-qtates biss) kienu osservati m'mod komuni fi studji tas-sigurtà.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita bl-użu tal-konvenzjoni li ġejja:
- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal ikkurat)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal ikkurat)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal ikkurat)
- rari ħafna (inqas minn wieħed f'10,000 annimal ikkurat, inklużi rapporti iżolati)

### 4.7 Użu fit-tqala, fi treddigħ u fi żmien il-bidien

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita waqt it-tqala u fit-treddigħ.

### 4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

L-użu ta' kuri ta' sapport supplimentari jtejbu il-pronjosi. L-ebda interazzjoni ma kienet osservata matul il-kura b'VIRBAGEN OMEGA flimkien ma' antibijotiċi, soluzzjoni għall-idratazzjoni mill-ġdid, vitamini u mediċini ta' kontra l-infjammazzjoni non-sterojdjali. Madankollu, minħabba li tagħrif speċifiku dwar interazzjonijiet possibbli ta' interferon ma' prodotti oħrajn hu nieqes, kuri ta' sapport supplimentari għandhom jintużaw bl-attenzjoni u wara analiżi bir-reqqa tar-riskju/benefiċċju.

L-ebda tagħrif mhu disponibbli dwar is-sigurtà u l-effikaċja mill-użu fl-istess ħin ta' dan il-prodott ma' kawalukwe vaċċin. Għal klieb, hu rakkomandat li l-ebda vaċċini m'għandhom jingħataw sakemm l-annimal ikun jidher li rkupra. It-tilqim tal-qtates matul u wara l-kura b'VIRBAGEN OMEGA hu kontraindikat għax kemm infezzjonijiet FeLV u kemm dawk FIV huma magħrufa li huma immunosoppressivi.

### 4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Il-porzjon *freeze-dried* irid ikun rikostitwit b'1ml tad-dilwent speċifiku biex tinkiseb, skont il-preżentazzjoni, suspensjoni ċara u bla kulur li fiha 5MU jew 10MU ta' interferon rikombinanti.

Klieb:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat ġol-vina darba kuljum għal 3 ijiem konsekuttivi.
Id-doża hi ta' 2.5MU/kg ta' piż tal-ġisem.

Qtates:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat taħt il-ġilda darba kuljum għal 5 ijiem konsekuttivi. Id-doża hi ta' 1MU/kg ta' piż tal-ġisem. Tliet kuri separati ta' 5 ijiem iridu jitwettqu f'jum 0, jum 14 u jum 60.

Il-prodott għandu jintuża biss mas-solvent li jkun jakkompanjah.

### 4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn

Wara żieda ta' għaxar darbiet iktar min-normal kemm fil-klieb u kemm fil-qtates, is-sinjali kliniċi li ġejjin kienu osservati:

- letarġija ħafifa u ngħas
- żieda ħafifa tat-temperatura tal-ġisem.
- żieda ħafifa tar-rata respiratorja
- takikardija tas-sinus ħafifa.

Dawn is-sinjali kliniċi jgħibu fi żmien 7 ijiem mingħajr xi kura partikulari.

### 4.11 Perjodu ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

## 5. KWALITAJIET IMMUNOLOĠIĊI

Grupp Farmako-terapewtiku: Interferons Kodiċi
ATCvet: QL03 AB

### 5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Omega interferon li joriġina mill-qtates, prodott minn inġinerija ġenetika, hu tip ta' I interferon li hu marbut mill-qrib ma' alpha interferon.
Il-mekkaniżmu tal-azzjoni eżatt ta' interferon omega mhuwiex magħruf perfettament, iżda jista' jinvolvi it-titjib tad-difiża mhux speċifika tal-ġisem, b'mod partikulari fil-klieb kontra parvovirosi kanina u fil-qtates kontra retrovirosi felina (FeLV, FIV). Interferon ma jaġixxix direttament u b'mod speċifiku fuq il-vajrus, iżda jeżerċita l-effett tiegħu bl-inibizzjoni tal-mekkaniżmi tas-sintesi interna taċ-ċelluli infettati.

### 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Wara l-injezzjoni jeħel malajr ma' riċetturi speċifiċi ta' varjetà kbira ta' ċelluli. Ġeneralment, il-mekkaniżmu tar-replikazzjoni jitwaqqaf kemm bil-qerda ta' mRNA u kemm mid-diżattivazzjoni tal-proteini tat-traduzzjoni (attivazzjoni 2'5' oligo-adenylate synthetase) fiċ-ċelluli infettati mill-vajrus.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta’ sustanzi mhux attivi

Lijofiliżat:
Idrossidu tas-sodju 0.2M
Kloridu tas-sodju
D-Sorbitol
Ġelatina ippurifikata ta’ oriġini tal-majjali

Solvent:
Kloridu tas-sodju
Ilma għal injezzjonijiet

### 6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Tħallatx ma’ ebda prodott ieħor ta’ prodott mediċinali veterinarju, ħlief mas-solvent provdut mal-użu ta’ dan il-prodott.

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: Sentejn.
Żmien kemm idum tajjeb wara rikostituzzjoni skont l-istruzzjonijiet: uża immedjatament.

### 6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2°C – 8° °C).
Tiffriżax.
Aħżen fil-kartuna oriġinali.

### 6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Lijofiliżat:
Kunjetti tal-ħġieġ ta’ tip I magħluq b’tapp magħmul minn polimeru tal-lastku tal-butil miksi b'reżin tal-polimeru fluworokarbon

Solvent:
Kunjetti tal-ħġieġ ta’ tip I ta’ 1 ml ta’ solvent magħluq b’tapp tal-lastku tal-butil elastomer

Għal preżentazzjoni ta' 5MU:
Kaxxa tal-kartun b'5 kunjetti ta’ lijofiliżat u 5 kunjetti ta’ 1 ml ta’ solvent

Għall-preżentazzjoni ta' 10MU:
Kaxxa tal-kartun b'kunjett wieħed ta' lijofiliżat u kunjett wieħed ta' 1 ml ta' solvent
Kaxxa tal-kartun b'2 kunjetti ta' lijofiliżat u 2 kunjetti ta' 1 ml ta' solvent
Kaxxa tal-kartun b'5 kunjetti ta' lijofiliżat u 5 kunjetti ta' 1 ml ta' solvent

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolament tal-pajjiż.

## 7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

VIRBAC
1ère Avenue - 2065m – L.I.D.
06516 CARROS
Franza

## 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/01/030/001
EU/2/01/030/002
EU/2/01/030/003
EU/2/01/030/004

## 9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtrizzazzjoni ;06.11.2001 / Data tal-aħħar tiġdid 21.11.2006

## 10 DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

## PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA, U/JEW UŻU

L-importazzjoni, il-bejgħ, il-provvista u/jew l-użu ta' VIRBAGEN OMEGA jista' jkun ipprojbit fit-territorju kollu ta' xi Stat Membru jew f'parti minnu skont il-politika nazzjonali tas-saħħa tal-annimali. Kull persuna li għandha ħsieb timmanifattura, timporta, iżżomm, tbigħ, tipprovdi u/jew tuża VIRBAGEN OMEGA għandha l-ewwel tikkuntattja l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħ, qabel l-importazzjoni, bejgħ, provvista u/jew użu.

# ANNESS II

**A.** **MANIFATTUR(I) TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA(ĊI) ATTIVA(I) U SID/SIDIEN TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA(I) RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

**B.** **KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ FUQ IL-PROVVISTA JEW L-UŻU**

**Ċ.** **KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV**

**D.** **DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

## A. MANIFATTUR(I) TAS-SUSTANZA(I) BIJOLOĠIKA(ĊI) ATTIVA(I) U SID/SIDIEN TA’ L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur tas-sustanza bijoloġika attiva

Toray industries, Inc.
EhimePlant
1515 Tsutsui, Masaki-Cho, Iyogun
791-3193
Japan

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott

VIRBAC
1ère Avenue - 2065m - L.I.D.
06516 Carros, Franza

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Sabiex jingħataw biss bi preskrizzjoni veterinarja.

Skont Artiklu 71 ta' Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat, l-Istati Membri jipprojbixxu jew jistgħu jipprojbixxu l-importazzjoni, il-bejgħ, il-forniment u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju fuq it-territorju kollu jew parti minnu jekk ikun stabbilit li:

a) l-għoti tal-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali ser jinterferixxi mal-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali għad-dijanjosi, il-kontroll u l-qerda ta' mard tal-annimali, jew ser jikkawża diffikultajiet fiċ-ċertifikazzjoni l-assenza ta' kontaminazzjoni f'annimali ħajjin jew fl-għalf jew fi prodotti oħra miksuba minn annimali kkurati.

b) il-marda li għaliha l-prodott mediċinali veterinarju kien intenzjonat li jagħti immunità minnha, tkun kważi nieqsa għal kollox mit-territorju.

## Ċ. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV

Mhux applikabbli.

## D. DIKJARAZZJONI TA’ L-MRLs

Mhux applikabbli.

# ANNESS III

# TIKKETTA U L-FULJETT TA’ TAGĦRIF

**A. TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

VIRBAGEN OMEGA 5MU għal klieb u qtates

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

**Kull doża ta' 1 ml fih:**

**Sustanza attiva:**

Lijofiliżat:
Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates 5MU*

*MU: Miljun Unità

**Solvent:**
Soluzzjoni isotonika ta' kloridu tas-sodju 1ml

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Sustanza lijofilizzanti u solvent għal suspensjoni għall-injezzjoni

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

Kaxxa b'5 kunjetti ta' lijofiliżat u 5 kunjetti b'milliltru 1 ta' solvent.

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb u qtates.

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Klieb:
Tnaqqis fil-mortalità u sinjali kliniċi ta' parvovirosi (forma enerika) fil-klieb sa mill-età ta' xahar.
Qtates:
Kura ta' qtates infettati b'FeLV u/jew FIV, fi stadji kliniċi mhux terminali, mill-età ta' 9 ġimgħat. Fi studju li twettaq fil-kamp, kien osservat li kien hemm:
- tnaqqis ta' sinjali kliniċi matul il-fażi sintomatika (4 xhur)
- tnaqqis fil-mortalità:
  - fil-qtates anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' madwar 60% f'4, 6, 9 u 12-il xahar tnaqqset b'madwar 30% wara l-kura b'interferon.
  - fil-qtates mhux anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' 50% fil-qtates infettati b'FeLV tnaqqset b'20% wara l-kura b'interferon. Fi qtates infettati minn FIV, il-mortalità kienet baxxa (5%) u ma kinetx influwenzata mill-kura.

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Il-porzjon *freeze-dried* irid ikun rikostitwit b'1ml tad-dilwent speċifiku biex tinkiseb suspensjoni li fiha 5MU ta' interferon rikombinanti.
Klieb:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat ġol-vina darba kuljum għal 3 ijiem konsekuttivi.
Id-doża hi ta' 2.5MU/kg ta' piż tal-ġisem.
Qtates:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat taħt il-ġilda darba kuljum għal 5 ijiem konsekuttivi. Id-doża hi ta' 1MU/kg ta' piż tal-ġisem. Tliet trattamenti separati ta' 5 ijiem iridu jitwettqu f'jum 0, jum 14 u jum 60.
Il-prodott għandu jintuża biss mas-solvent li jkun jakkompanjah.

Aqra l-fuljett fil-pakkett qabel l-użu.

## 8. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Klieb: It-tilqim matul u wara l-kura b'VIRBAGEN OMEGA hu kontraindikat, sakemm il-kelb jidher li jkun qed jirkupra.
Qtates: minħabba li t-tilqim hu kontraindikat fil-fażi sintomatika ta' infezzjonijiet FeLV/FIV, l-effett ta' VIRBAGEN OMEGA fuq il-tilqim tal-qtates ma kienx evalwat.

Klieb u qtates: intwera li konformità stretta mal-pożoloġija rakkomandata hi mandatorja biex jintlaħaq il-benefiċċju kliniku.
Qtates: Fil-każ ta' kura ripetuta ta' mard kroniku marbut ma' epatite, ħsara fil-qalb u fil-kliewi, il-marda korrispondenti għandha tkun immonitorjata qabel l-għoti ta' VIRBAGEN OMEGA .

M'hemm l-ebda tagħrif disponibbli fuq l-induzzjoni tal-effetti sekondarji fuq tul ta' żmien fil-klieb u l-qtates, speċjalment għal mard awtoimmuni. Effetti sekondarji bħal dawn kienu deskritti wara l-għoti multiplu u fit-tul ta' interferon ta' tip I fil-bniedem. Għalhekk, il-possibbiltà li jseħħ mard awtoimmuni f'annimali kkurati ma tistax tiġi eskluża u trid tiġi bbilanċjata bir-riskju assoċjat ma' infezzjonijiet FeLV/FIV.
L-effikaċja tal-prodott fuq il-qtates b'forma tumuruża tal-infezzjoni minn FeLV, jew qtates infettati minn FeLV jew ko-infettati minn FIV fi stadji terminali ma kinetx ittestjata.

## 10. DATA TA' SKADENZA

JIS {xahar/sena}
Il-prodott għandu jintuża minnufih wara r-rikostituzzjoni.

## 11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ.
Tiffriżax.
Aħżen fil-kartuna oriġinali.
Ladarba rikostitwit uża immedjatament.

## 12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

**skont**Armi materjal ta’ skart skont ir-rekwiżiti lokali.

## 13. IL-KLIEM “GĦAT-TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS” U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għat-trattament tal-annimali biss.

Għandu jingħata biss b’riċetta medika.

L-importazzjoni, il-pussess, il-bejgħ, il-provvista u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju jista’ jkun ipprojbit fit-territorju kollu ta’ xi Stat Membru jew f’parti minnu, ara l-fuljett ta’ tagħrif għal aktar informazzjoni

## 14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

VIRBAC
1ère Avenue - 2065m - L.I.D.
06516 CARROS
Franza

## 16. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/01/030/001

## 17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Numru tal-lott

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

VIRBAGEN OMEGA 10MU għal klieb u qtates

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

**Kull doża ta' 1 ml fih:**

**Sustanza attiva:**

Lijofiliżat:
Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates 10MU*

*MU: Miljun Unità

**Solvent:**
Soluzzjoni isotonika ta' kloridu tas-sodju 1ml

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Sustanza lijofilizzanti u solvent għal suspensjoni għall-injezzjoni.

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

Kaxxa b'5 kunjetti ta' lijofiliżat u 5 kunjetti b'1ml ta' solvent.

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb u qtates.

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Klieb:
Tnaqqis fil-mortalità u sinjali kliniċi ta' parvovirosi (forma enerika) fil-klieb sa mill-età ta' xahar.
Qtates:
Kura ta' qtates infettati b'FeLV u/jew FIV, fi stadji kliniċi mhux terminali, mill-età ta' 9 ġimgħat. Fi studju li twettaq fil-kamp, kien osservat li kien hemm:
- tnaqqis ta' sinjali kliniċi matul il-fażi sintomatika (4 xhur)
- tnaqqis fil-mortalità:
    - fil-qtates anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' madwar 60% f'4, 6, 9 u 12-il xahar tnaqqset b'madwar 30% wara l-kura b'interferon.
    - fil-qtates mhux anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' 50% fil-qtates infettati b'FeLV tnaqqset b'20% wara l-kura b'interferon. Fi qtates infettati minn FIV, il-mortalità kienet baxxa (5%) u ma kinetx influwenzata mill-kura.

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Il-porzjon *freeze-dried* irid ikun rikostitwit b'1ml tad-dilwent speċifiku biex tinkiseb suspensjoni li fiha 10MU ta' interferon rikombinanti.
Klieb:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat ġol-vina darba kuljum għal 3 ijiem konsekuttivi.
Id-doża hi ta' 2.5MU/kg ta' piż tal-ġisem.
Qtates:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat taħt il-ġilda darba kuljum għal 5 ijiem konsekuttivi. Id-doża hi ta' 1MU/kg ta' piż tal-ġisem. Tliet kuri separati ta' 5 ijiem iridu jitwettqu f'jum 0, jum 14 u jum 60.
Il-prodott għandu jintuża biss mas-solvent li jkun jakkompanjah.

Aqra l-fuljett fil-pakkett qabel l-użu.

## 8. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Klieb: It-tilqim matul u wara l-kura b'VIRBAGEN OMEGA hu kontraindikat, sakemm il-kelb jidher li jkun qed jirkupra.
Qtates: minħabba li t-tilqim hu kontraindikat fil-fażi sintomatika ta' infezzjonijiet FeLV/FIV, l-effett ta' VIRBAGEN OMEGA fuq il-tilqim tal-qtates ma kienx evalwat.

Klieb u qtates: intwera li konformità stretta mal-pożoloġija rakkomandata hi mandatorja biex jintlaħaq il-benefiċċju kliniku.
Qtates: Fil-każ ta' kura ripetuta ta' mard kroniku marbut ma' epatite, ħsara fil-qalb u fil-kliewi, il-marda korrispondenti għandha tkun immonitorjata qabel l-għoti ta' VIRBAGEN OMEGA .

M'hemm l-ebda tagħrif disponibbli fuq l-induzzjoni tal-effetti sekondarji fuq tul ta' żmien fil-klieb u l-qtates, speċjalment għal mard awtoimmuni. Effetti sekondarji bħal dawn kienu deskritti wara l-għoti multiplu u fit-tul ta' interferon ta' tip I fil-bniedem. Għalhekk, il-possibbiltà li jseħħ mard awtoimmuni f'annimali kkurati ma tistax tiġi eskluża u trid tiġi bbilanċjata bir-riskju assoċjat ma' infezzjonijiet FeLV/FIV.
L-effikaċja tal-prodott fuq il-qtates b'forma tumuruża tal-infezzjoni minn FeLV, jew qtates infettati minn FeLV jew ko-infettati minn FIV fi stadji terminali ma kinetx ittestjata.

## 10. DATA TA' SKADENZA

JIS {xahar/sena}
Il-prodott għandu jintuża minnufih wara r-rikostituzzjoni.

## 11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ittrasporta ġo friġġ.
Tiffriżax.
Aħżen fil-kartuna oriġinali.
Ladarba rikostitwit uża immedjatament.

## 12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Armi materjal ta’ skart skont ir-rekwiżiti lokali
**skont**

## 13. IL-KLIEM “GĦAT-TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS” U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għat-trattament tal-annimali biss.

Għandu jingħata biss b’riċetta medika.

L-importazzjoni, il-pussess, il-bejgħ, il-provvista u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju jista’ jkun ipprojbit fit-territorju kollu ta’ xi Stat Membru jew f’parti minnu, ara l-fuljett ta’ tagħrif għal aktar informazzjoni

## 14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦED FIS-SUQ

VIRBAC
1ère Avenue - 2065 m - L.I.D.
06516 CARROS
Franza

## 16. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦED FIS-SUQ

EU/2/01/030/002

## 17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Numru tal-lott

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

VIRBAGEN OMEGA 10MU għal klieb u qtates

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

**Kull doża ta' 1 ml fih:**

**Sustanza attiva:**

Lijofiliżat:
Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates Kunjett ta' 10MU*

*MU: Miljun Unità

**Solvent:**
Soluzzjoni isotonika ta' kloridu tas-sodju 1ml

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Sustanza lijofilizzanti u solvent għal suspensjoni għall-injezzjoni.

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

Kaxxa b'2 kunjetti ta' lijofiliżat u 2 kunjetti b'1ml ta' solvent.

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb u qtates.

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Klieb:
Tnaqqis fil-mortalità u sinjali kliniċi ta' parvovirosi (forma enerika) fil-klieb sa mill-età ta' xahar.
Qtates:
Kura ta' qtates infettati b'FeLV u/jew FIV, fi stadji kliniċi mhux terminali, mill-età ta' 9 ġimgħat. Fi studju li twettaq fil-kamp, kien osservat li kien hemm:
- tnaqqis ta' sinjali kliniċi matul il-fażi sintomatika (4 xhur)
- tnaqqis fil-mortalità:
  - fil-qtates anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' madwar 60% f'4, 6, 9 u 12-il xahar tnaqqset b'madwar 30% wara l-kura b'interferon.
  - fil-qtates mhux anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' 50% fil-qtates infettati b'FeLV tnaqqset b'20% wara l-kura b'interferon. Fi qtates infettati minn FIV, il-mortalità kienet baxxa (5%) u ma kinetx influwenzata mill-kura.

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Il-porzjon *freeze-dried* irid ikun rikostitwit b'1ml tad-dilwent speċifiku biex tinkiseb suspensjoni li fiha 10MU ta' interferon rikombinanti.
Klieb:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat ġol-vina darba kuljum għal 3 ijiem konsekuttivi.
Id-doża hi ta' 2.5MU/kg ta' piż tal-ġisem.
Qtates:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat taħt il-ġilda darba kuljum għal 5 ijiem konsekuttivi. Id-doża hi ta' 1MU/kg ta' piż tal-ġisem. Tliet kuri separati ta' 5 ijiem iridu jitwettqu f'jum 0, jum 14 u jum 60.
Il-prodott għandu jintuża biss mas-solvent li jkun jakkompanjah.

Aqra l-fuljett fil-pakkett qabel l-użu.

## 8. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

<u>Klieb</u>: It-tilqim matul u wara l-kura b'VIRBAGEN OMEGA hu kontraindikat, sakemm il-kelb jidher li jkun qed jirkupra.
<u>Qtates</u>: minħabba li t-tilqim hu kontraindikat fil-fażi sintomatika ta' infezzjonijiet FeLV/FIV, l-effett ta' VIRBAGEN OMEGA fuq il-tilqim tal-qtates ma kienx evalwat.

<u>Klieb u qtates</u>: intwera li konformità stretta mal-pożoloġija rakkomandata hi mandatorja biex jintlaħaq il-benefiċċju kliniku.
<u>Qtates:</u> Fil-każ ta' kura ripetuta ta' mard kroniku marbut ma' epatite, ħsara fil-qalb u fil-kliewi, il-marda korrispondenti għandha tkun immonitorjata qabel l-għoti ta' VIRBAGEN OMEGA.

M'hemm l-ebda tagħrif disponibbli fuq l-induzzjoni tal-effetti sekondarji fuq tul ta' żmien fil-klieb u l-qtates, speċjalment għal mard awtoimmuni. Effetti sekondarji bħal dawn kienu deskritti wara l-għoti multiplu u fit-tul ta' interferon ta' tip I fil-bniedem. Għalhekk, il-possibbiltà li jseħħ mard awtoimmuni f'annimali kkurati ma tistax tiġi eskluża u trid tiġi bbilanċjata bir-riskju assoċjat ma' infezzjonijiet FeLV/FIV.
L-effikaċja tal-prodott fuq il-qtates b'forma tumuruża tal-infezzjoni minn FeLV, jew qtates infettati minn FeLV jew koinfettati minn FIV fi stadji terminali ma kinetx ittestjata.

## 10. DATA TA’ SKADENZA

JIS {xahar/sena}
Il-prodott għandu jintuża minnufih wara r-rikostituzzjoni.

## 11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ittrasporta ġo friġġ.
Tiffriżax.
Aħżen fil-kartuna oriġinali.
Ladarba rikostitwit uża immedjatament.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Armi materjal ta’ skart skont ir-rekwiżiti lokali
skont

**13. IL-KLIEM “GĦAT-TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS” U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI**

Għat-trattament ta’ l-annimali biss.

Għandu jingħata biss b’riċetta medika.

L-importazzjoni, il-pussess, il-bejgħ, il-provvista u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju jista’ jkun ipprojbit fit-territorju kollu ta’ xi Stat Membru jew f’parti minnu, ara l-fuljett ta’ tagħrif għal aktar informazzjoni

**14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

VIRBAC
1ère Avenue - 2065m - L.I.D.
06516 CARROS
Franza

**16. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/01/030/003

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Numru tal-lott

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

VIRBAGEN OMEGA 10MU għal klieb u qtates

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

**Kull doża ta' 1 ml fih:**

**Sustanza attiva**

Lijofiliżat:
Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates 10MU*

*MU: Miljun Unità

**Solvent:**
Soluzzjoni isotonika ta' kloridu tas-sodju 1ml

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Sustanza lijofilizzanti u solvent għal suspensjoni għall-injezzjoni.

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

Kaxxa b'kunjett 1 ta' lijofiliżat u kunjett 1 b'1ml ta' solvent.

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb u qtates.

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Klieb:
Tnaqqis fil-mortalità u sinjali kliniċi ta' parvovirosi (forma enerika) fil-klieb sa mill-età ta' xahar.
Qtates:
Kura ta' qtates infettati b'FeLV u/jew FIV, fi stadji kliniċi mhux terminali, mill-età ta' 9 ġimgħat. Fi studju li twettaq fil-kamp, kien osservat li kien hemm:
- tnaqqis ta' sinjali kliniċi matul il-fażi sintomatika (4 xhur)
- tnaqqis fil-mortalità:
    - fil-qtates anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' madwar 60% f'4, 6, 9 u 12-il xahar tnaqqset b'madwar 30% wara l-kura b'interferon.
    - fil-qtates mhux anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' 50% fil-qtates infettati b'FeLV tnaqqset b'20% wara l-kura b'interferon. Fi qtates infettati minn FIV, il-mortalità kienet baxxa (5%) u ma kinetx influwenzata mill-kura.

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Il-porzjon *freeze-dried* irid ikun rikostitwit b'1ml tad-dilwent speċifiku biex tinkiseb suspensjoni li fiha 10MU ta' interferon rikombinanti.
Klieb:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat ġol-vina darba kuljum għal 3 ijiem konsekuttivi.
Id-doża hi ta' 2.5MU/kg ta' piż tal-ġisem.
Qtates:
Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat taħt il-ġilda darba kuljum għal 5 ijiem konsekuttivi. Id-doża hi ta' 1MU/kg ta' piż tal-ġisem. Tliet kuri separati ta' 5 ijiem iridu jitwettqu f'jum 0, jum 14 u jum 60.
Il-prodott għandu jintuża biss mas-solvent li jkun jakkompanjah.

Aqra l-fuljett fil-pakkett qabel l-użu.

## 8. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Klieb: It-tilqim matul u wara l-kura b'VIRBAGEN OMEGA hu kontraindikat, sakemm il-kelb jidher li jkun qed jirkupra.
Qtates: minħabba li t-tilqim hu kontraindikat fil-fażi sintomatika ta' infezzjonijiet FeLV/FIV, l-effett ta' VIRBAGEN OMEGA fuq il-tilqim tal-qtates ma kienx evalwat.

Klieb u qtates: intwera li konformità stretta mal-pożoloġija rakkomandata hi mandatorja biex jintlaħaq il-benefiċċju kliniku.
Qtates: Fil-każ ta' kura ripetuta ta' mard kroniku marbut ma' epatite, ħsara fil-qalb u fil-kliewi, il-marda korrispondenti għandha tkun immonitorjata qabel l-għoti ta' VIRBAGEN OMEGA.

M'hemm l-ebda tagħrif disponibbli fuq l-induzzjoni tal-effetti sekondarji fuq tul ta' żmien fil-klieb u l-qtates, speċjalment għal mard awtoimmuni. Effetti sekondarji bħal dawn kienu deskritti wara l-għoti multiplu u fit-tul ta' interferon ta' tip I fil-bniedem. Għalhekk, il-possibbiltà li jseħħ mard awtoimmuni f'annimali kkurati ma tistax tiġi eskluża u trid tiġi bbilanċjata bir-riskju assoċjat ma' infezzjonijiet FeLV/FIV.
L-effikaċja tal-prodott fuq il-qtates b'forma tumuruża tal-infezzjoni minn FeLV, jew qtates infettati minn FeLV jew ko-infettati minn FIV fi stadji terminali ma kinetx ittestjata.

## 10. DATA TA' SKADENZA

JIS {xahar/sena}
Il-prodott għandu jintuża minnufih wara r-rikostituzzjoni.

## 11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ittrasporta ġo friġġ.
Tiffriżax.
Aħżen fil-kartuna oriġinali.
Ladarba rikostitwit uża immedjatament.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Armi materjal ta’ skart skont ir-rekwiżiti lokali
skont

**13. IL-KLIEM “GĦAT-TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS” U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI**

Għat-trattament tal-annimali biss.

Għandu jingħata biss b’riċetta medika.

L-importazzjoni, il-pussess, il-bejgħ, il-provvista u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju jista’ jkun ipprojbit fit-territorju kollu ta’ xi Stat Membru jew f’parti minnu, ara l-fuljett ta’ tagħrif għal aktar informazzjoni

**14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

VIRBAC
1ère Avenue - 2065m - L.I.D.
06516 CARROS
Franza

**16. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/01/030/004

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Numru tal-lott

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA’ IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

VIRBAGEN OMEGA 5MU għal klieb u qtates

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates 5MU*/ml

* MU: Miljun Unità

## 3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

5MU

## 4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Klieb: Jingħata ġol-vina
Qtates: Jingħata taħt il-ġilda

## 5. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 6. NUMRU TAL-LOTT

Numru tal-lott

## 7. DATA TA’ SKADENZA

JIS: xahar/sena
Ladarba rikostitwit uża immedjatament.

## 8. IL-KLIEM “GĦAL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”

Għall-kura tal-annimali biss.

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

VIRBAGEN OMEGA 10MU għal klieb u qtates

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates 10MU*/ml

* MU: Miljun Unità

## 3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

10MU

## 4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Klieb: Jingħata ġol-vina
Qtates: Jingħata taħt il-ġilda

## 5. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 6. NUMRU TAL-LOTT

Numru tal-lott

## 7. DATA TA' SKADENZA

JIS: xahar/sena
Ladarba rikostitwit uża immedjatament.

## 8. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL -ANNIMALI BISS"

Għall-kura tal-annimali biss.

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA’ IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

VIRBAGEN OMEGA
Solvent għas-suspensjoni għall-injezzjoni

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

Soluzzjoni isotonika ta' kloridu tas-sodju

**3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI**

1ml

**4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI**

Klieb: Jingħata ġol-vina
Qtates: Jingħata taħt il-ġilda

**5. PERJODU(I) TA' TIŻMIM**

Mhux applikabbli.

**6. NUMRU TAL-LOTT**

Numru tal-lott

**7. DATA TA’ SKADENZA**

JIS: xahar/sena

**8. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”**

Għall-kura tal-annimali biss.

# B. FULJETT TA' TAGĦRIF

**FULJETT TA' TAGĦRIF**
**VIRBAGEN OMEGA 5MU għal klieb u qtates**
**VIRBAGEN OMEGA 10MU għal klieb u qtates**

## 1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-manifattur responsabbli għall-ħrug tal-lott

VIRBAC
1ère Avenue - 2065m - L.I.D.
06516 CARROS
Franza

## 2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

VIRBAGEN OMEGA 5MU għal klieb u qtates
VIRBAGEN OMEGA 10MU għal klieb u qtates

## 3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

Kull doża ta' 1ml fih:

**Sustanza attiva:**

Lijofiliżat:

| | |
|---|---|
| Preżentazzjoni ta' 5MU: | |
| Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates | Kunjett ta' 5MU* |
| Preżentazzjoni ta' 10MU: | |
| Omega interferon rikombinanti li joriġina mill-qtates | Kunjett ta' 10MU* |

*MU: Miljun Unità

**Solvent:**

| | |
|---|---|
| Soluzzjoni isotonika ta' kloridu tas-sodju | 1ml |

Lijofiliżat: pillola bajda
Solvent: likwidu bla kulur

## 4. INDIKAZZJONI(JIET)

Klieb:
Tnaqqis fil-mortalità u sinjali kliniċi ta' parvovirosi (forma enerika) fil-klieb sa mill-età ta' xahar.
Qtates:
Kura ta' qtates infettati b'FeLV u/jew FIV, fi stadji kliniċi mhux terminali, mill-età ta' 9 ġimgħat. Fi studju li twettaq fil-kamp, kien osservat li kien hemm:
- tnaqqis ta' sinjali kliniċi matul il-fażi sintomatika (4 xhur)
- tnaqqis fil-mortalità:
    - fil-qtates anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' madwar 60% f'4, 6, 9 u 12-il xahar tnaqqset b'madwar 30% wara l-kura b'interferon.

- fil-qtates mhux anemiċi, ir-rata tal-mortalità ta' 50% fil-qtates infettati b'FeLV tnaqqset b'20% wara l-kura b'interferon. Fi qtates infettati minn FIV, il-mortalità kienet baxxa (5%) u ma kinetx influwenzata mill-kura.

## 5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Klieb: It-tilqim matul u wara l-kura b'VIRBAGEN OMEGA hu kontraindikat, sakemm il-kelb jidher li jkun qed jirkupra.

Qtates: minħabba li t-tilqim hu kontraindikat fil-fażi sintomatika ta' infezzjonijiet FeLV/FIV, l-effett ta' VIRBAGEN OMEGA fuq il-tilqim tal-qtates ma kienx evalwat.

## 6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

F'xi każijiet, waqt il-kura, dawn is-sinjali kliniċi transitorji jistgħu jiġu osservati fil-klieb u l-qtates:
Tnaqqis żgħir fiċ-ċelluli bojod tad-demm, plejtlits u ċelluli ħomor tad-demm, u żieda fil-konċentrazzjoni ta' alanine aminotransferażi kienu osservati b'mod komuni ħafna fi studji tas-sigurtà.
Dawn il-parametri jerġgħu lura għan-normal fil-ġimgħa wara l-aħħar injezzjoni.

Sinjali kliniċi u temporanji bħal ipertermija (3-6 sigħat wara l-injezzjoni), letarġija u sinjali diġestivi (rimettar u ppurgar artab sa dijarea ħafifa, fil-qtates biss) kienu osservati m'mod komuni fi studji tas-sigurtà.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita bl-użu tal-konvenzjoni li ġejja:
- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal ikkurat)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal ikkurat)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal ikkurat)
- rari ħafna (inqas minn wieħed f'10,000 annimal ikkurat, inklużi rapporti iżolati)

Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok informa lill-kirurgu veterinarju tiegħek.

## 7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb u qtates.

## 8. DOŻA GHAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Klieb: Id-doża hi ta' 2.5MU/kg ta' piż tal-ġisem.
Qtates: Id-doża hi ta' 1MU/kg ta' piż tal-ġisem.

Il-porzjon *freeze-dried* irid ikun rikostitwit b'1ml tad-dilwent speċifiku biex tinkiseb, skont il-preżentazzjoni, suspensjoni li fiha 5MU jew 10MU ta' interferon rikombinanti.
Klieb: Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat ġol-vina darba kuljum għal 3 ijiem konsekuttivi.
Qtates: Il-prodott rikostitwit għandu jkun injettat taħt il-ġilda darba kuljum għal 5 ijiem konsekuttivi.
Tliet kuri separati ta' 5 ijiem iridu jitwettqu f'jum 0, jum 14 u jum 60.

Il-prodott għandu jintuża minnufih wara r-rikostituzzjoni.

## 9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Klieb u qtates: intwera li konformità stretta mal-pożoloġija rakkomandata hi mandatorja biex jintlaħaq il-benefiċċju kliniku.
Qtates: Fil-każ ta' kura ripetuta ta' mard kroniku marbut ma' epatite, ħsara fil-qalb u fil-kliewi, il-marda korrispondenti għandha tkun immonitorjata qabel l-għoti ta' VIRBAGEN OMEGA.
L-użu ta' kuri ta' sapport supplimentari jtejbu il-pronjosi.
Il-prodott għandu jintuża biss mas-solvent li jkun jakkompanjah.

## 10. PERJODU TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2°C – 8° °C).
Tiffriżax.
Aħżen fil-kartuna oriġinali.
Tużax wara d-data ta' skadenza li tidher fuq it-tikketta.

Żmien kemm idum tajjeb wara rikostituzzjoni skont l-istruzzjonijiet: uża immedjatament.

## 12. TWISSIJIET SPEĊJALI

**Twissijiet speċjali għal kull speċi għal xiex huwa indikat**

M'hemm l-ebda tagħrif disponibbli fuq l-induzzjoni tal-effetti sekondarji fuq tul ta' żmien fil-klieb u l-qtates, speċjalment għal mard awtoimmuni. Effetti sekondarji bħal dawn kienu deskritti wara l-għoti multiplu u fit-tul ta' interferon ta' tip I fil-bniedem. Għalhekk, il-possibbiltà li jseħħ mard awtoimmuni f'annimali kkurati ma tistax tiġi eskluża u trid tiġi bbilanċjata bir-riskju assoċjat ma' infezzjonijiet FeLV/FIV.
L-effikaċja tal-prodott fuq il-qtates b'forma tumuruża tal-infezzjoni minn FeLV, jew qtates infettati minn FeLV jew ko-infettati minn FIV fi stadji terminali ma kinetx ittestjata.
Fil-każ ta' għoti ġol-vina fil-qtates, tista' sseħħ żieda ta' reazzjonijiet avversi, eż. ipertermija, ippurgar artab, anoreksja, nuqqas fix-xorb jew kollass.

**Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**

Klieb u qtates: intwera li konformità stretta mal-pożoloġija rakkomandata hi mandatorja biex jintlaħaq il-benefiċċju kliniku.

Qtates: Fil-każ ta' kura ripetuta ta' mard kroniku marbut ma' epatite, ħsara fil-qalb u fil-kliewi, il-marda korrispondenti għandha tkun immonitorjata qabel l-għoti ta' VIRBAGEN OMEGA.

**Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**

Fil-każ ta' li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentali, fittex parir mediku minnufih u uri l-fuljett tal-pakkett jew it-tikketta lit-tabib.

**Tqala u treddigħ**

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma kinetx stabbilita matul it-tqala u t-treddigħ.

**Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħrajn u forom oħrajn ta' interazzjoni**

L-użu ta' kuri ta' sapport supplimentari jtejbu il-pronjosi. L-ebda interazzjoni ma kienet osservata matul il-kura b'VIRBAGEN OMEGA flimkien ma' antibijotiċi, soluzzjoni għall-idratazzjoni mill-ġdid, vitamini u mediċini ta' kontra l-infjammazzjoni non-sterojdjali. Madankollu, minħabba li tagħrif speċifiku dwar interazzjonijiet possibbli ta' interferon ma' prodotti oħrajn hu nieqes, kuri ta' sapport supplimentari għandhom jintużaw bl-attenzjoni u wara analiżi bir-reqqa tar-riskju/benefiċċju.

L-ebda tagħrif mhu disponibbli dwar is-sigurtà u l-effikaċja mill-użu fl-istess ħin ta' dan il-prodott ma' kawalukwe vaċċin. Għal klieb, hu rakkomandat li l-ebda vaċċini m'għandhom jingħataw sakemm l-annimal ikun jidher li rkupra. It-tilqim tal-qtates matul u wara l-kura b'VIRBAGEN OMEGA hu kontraindikat għax kemm infezzjonijiet FeLV u kemm dawk FIV huma magħrufa li huma immunosoppressivi.

**Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti)**

Wara żieda ta' għaxar darbiet iktar min-normal kemm fil-klieb u kemm fil-qtates, is-sinjali kliniċi li ġejjin kienu osservati:

- letarġija ħafifa u ngħas
- żieda ħafifa tat-temperatura tal-ġisem.
- żieda ħafifa tar-rata respiratorja
- takikardija tas-sinus ħafifa.

Dawn is-sinjali kliniċi jgħibu fi żmien 7 ijiem mingħajr xi kura partikulari

**Inkompatibilitajiet**

Tħallatx ma' xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, ħlief mas-solvent ipprovvdut għall-użu mal-prodott.

## 13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju jew prodotti għar-rimi li jkunu ġejjin minn prodotti mediċinali veterinarji bħal dawn, għandhom jintremew skont il-ħtiġijiet lokali.

## 14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGĦRIF

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

## 15. TAGĦRIF IEĦOR

Għal preżentazzjoni ta' 5MU:
Kaxxa tal-kartun b'5 kunjetti ta' lijofiliżat u 5 kunjetti ta' 1 ml ta' solvent

Għall-preżentazzjoni ta' 10MU:
Kaxxa tal-kartun b'kunjett wieħed ta' lijofiliżat u kunjett wieħed ta' 1 ml ta' solvent
Kaxxa tal-kartun b'2 kunjetti ta' lijofiliżat u 2 kunjetti ta' 1 ml ta' solvent
Kaxxa tal-kartun b'5 kunjetti ta' lijofiliżat u 5 kunjetti ta' 1 ml ta' solvent

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

Għal kull tagħrif dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rapprezentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fuq is-suq.

**België/Belgique/Belgien**
VIRBAC BELGIUM N.V.
Esperantolaan 4
BE-3001 Leuven
Tel: + 32 (0) 16 38 72 60

**Česká republika**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros Francie
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Danmark**
VIRBAC Danmark A/S
Profilvej 1
DK-6000 Kolding
Tel: + 45 7552 1244

**Deutschland**
VIRBAC Tierarzneimittel GmbH
Rögen 20
DE-23843 Bad Oldesloe
Tel: + 49 (4531) 805 111

**Eesti**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m LID
FR-06516 Carros Prantsusmaa
Tel: +33-(0)4 92 08 73 00

**Ελλάδα**
VIRBAC HELLAS A.E.
13o χλμ E.O. Αθηνών - Λαμίας
EL-14452, Μεταμόρφωση
Τηλ: +30 2106219520

**España**
VIRBAC ESPAÑA, S.A.
Angel Guimera 179-181
ES-08950 - Esplugues de Llobregat (Barcelona)
Tel: + 34 93 470 79 40

**France**
VIRBAC France
13ème rue – L.I.D.
FR-06516 Carros Cedex
Tél : +33 805 05 55 55

**Ireland**

**Luxembourg/Luxemburg**
VIRBAC BELGIUM N.V.
Esperantolaan 4
BE-3001 Leuven Belgique / Belgien
Tel: + 32 (0) 16 38 72 60

**Magyarország**
VIRBAC HUNGARY KFT
Szent Istvàn krt.11.II/21.
HU-1055 Budapest
Tel: +36703387177

**Malta**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros Franza
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Nederland**
VIRBAC NEDERLAND BV
Hermesweg 15
NL-3771 ND-Barneveld
Tel: + 31 (0) 342 427 127

**Norge**
VIRBAC Danmark A/S
Profilvej 1
DK-6000 Kolding Danmark
Tel: + 45 75521244

**Österreich**
VIRBAC Österreich GmbH
Hildebrandgasse 27
A-1180 Wien
Tel: + 43 (0) 1 21 834 260

**Polska**
VIRBAC Sp. z o.o.
ul. Puławska 314
PL 02-819 Warszawa
Tel.: + 48 22 855 40 46

**Portugal**
VIRBAC DE PORTUGAL LABORATÓRIOS LDA
R.do Centro Empresarial
Ed13-Piso 1- Esc.3
Quinta da Beloura
PT-2710-693 Sintra
+ 351 219 245 020

**Slovenija**

VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros France
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Ísland**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros Frakkland
Simi: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Italia**
VIRBAC SRL
Via Ettore Bugatti 15
IT-20142 Milano
Tel: + 39 02 40 92 47 1

**Κύπρος**
VIRBAC HELLAS A.E.
13° χλμ Ε.Ο. Αθηνών - Λαμίας
EL-14452, Μεταμόρφωση
Τηλ.: +30 2106219520

**Latvija**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m LID
FR-06516 Carros Francjia
Tel: +33-(0)4 92 08 73 00

**Lietuva**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m LID
FR-06516 Carros Prancūzija
Tel: +33-(0)4 92 08 73 00

**România**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros Franţa
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros Francija
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Slovenská republika**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros Francúzsko
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Suomi/Finland**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros Ranska
Puh/Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Sverige**
VIRBAC DANMARK A/S FILIAL SVERIGE,
c/o Incognito AB,
Box 1027,
SE-171 21 Solna
Tel: + 45 7552 1244

**United Kingdom (Northern Ireland)**
VIRBAC
1ère avenue 2065m LID
FR-06516 Carros France
Tel: + 33-(0)4 92 08 73 00

**Hrvatska**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m – L.I.D
FR-06516 Carros Francuska
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Република България**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m LID
FR-06516 Carros Франция
Тел: +33-(0)4 92 08 73 00